KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 51 Tnejn 6 ta' Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Gianluca Busuttil – Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kopja u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Rachel Tua u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 50

50.3.2 Twinning – Erlach u Millbrae

Rigward Twinning bejn Millbrae u Mosta, Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li għalkemm kellu jiltaqa mal-Konslu Ġenerali ta' San Fransisco Louis Vella, dawn ma ltaqawx pero' inżamm il-kuntatt.

50.3.11 Pjazza Sta. Margerita

Is-Sindku nforma li kien hemm xi żvilluppi fejn il-Planning Authority ħarġet *public consultation* fuq il-pjazza, li tagħlaq fil-21 ta' Novembru.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 – Malta
Tel: (+356) 21416841 Fax: (+356)21410245 Email:mosta.lc@gov.mt

Is-Sindku Keith Cassar ser jipprepara.

### 50.4.2 Bollards fi Triq il-Paroċċa.

Il-Kunsillier Maria Pia Bonnici staqsiet jekk hux se jsiru 'l-Bollards, peress li semgħet li dawn ma ġewx approvati.
Is-Sindku nforma li din l-informazzjoni l-Kunsill m'għandux, pero' li nafu żgur hu li Transport Malta għandhom ħafna xogħol b'lura u qed nistennew min għandom.

### 50.4.4 Triq ix-Xitwa

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa f'liema parti tat-Triq qed jkun hemm is-*security guard*.
Ġie nfurmat mill-Kunsilliera Bonnici u Segretarju Eżekuttiv, li *security guard* qed jkun malli tikser, fejn qed jżomm nies milli jipparkjaw jekk ma jkunux klijenti tal-Olympus.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti Nru. 50.

## 51.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 51.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Latrini Pubbliċi

Is-Sindku nforma li għandna kuntrattur ġdid, pero' xorta qed jidħlu 'lmenti ta' ħmieġ, rwejjaħ, nuqqas ta' sapun u *toilet paper*. Ilmenti oħrajn huma li m'hemmx dawl, dan qed jiġri minħabba umdita fi-*safe starter* tat-tubi li qed ittajjar is-salva vita, u problema ta' katusi, fejn dawn ġew imsewwija riċentement. Rigward id-dawl dan reġa qed jinqata u 'l-Kunsill qed jindirizza din il-problema.

Rigward indafa, nuqqas ta' sapun u *toilet paper*, is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv ħa jsejħu meeting mal-kuntrattur biex nindirizzaw din il-problema wkoll.

### 51.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Claims

Is-Sindku nforma li daqt jibda jiltaqa' l-*bord* biex jduru l-*claims* li hemm pendenti. Ħa tiġi ffissata data fil-ġimgħa li ġejja.

### 51.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Patching

Is-Sindku nforma li l-*patching* għaddej b'ritmu tajjeb. Is-Sindku qal wkoll li l'ewwel darba li approva l-kontijiet tal-*patching* ġġib għajnejk wara widnejk, meta tara li l-iżgħar triq fil-Mosta swiet €900.

Il-Kunsillier Frans Deguara talab biex kemm jista jkun malajr jsir *patching* fi Triq ix-Xitwa.

### 51.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Qalbiena Mostin

Is-Sindku nforma li l'attivita Qalbiena Mostin ħa ssir f'19 ta' Novembru. Din kienet ser ssir fuq jumejn, imma hemm attivita oħra tal-parroċċa.

Fil-għodu ħa jsir il-korteo Qalbiena Mostin, u filgħaxija serata mużikali letterarja fis-sala tal-kommunita. Din l'attivita ħa tiswa madwar €1,000, kemm ta' filgħodu, kif wkoll ta' filgħaxija.
Is-Sindku nforma li spiża minnhom biss ta' €500 hija għas-*sound system*, għalhekk jekk il-kunsill ma jinvestiex f'sound system tiegħu ħa nibqaw nonfqu dawn il-flus għal-kirjiet.

Il-membri preżenti unanimament approvaw, biex iktar il-quddiem ninvestew f'sistema ta' *sound system.*

### 51.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Triq il-Fortizza

Is-Sindku nforma li rċevejna rapport mingħand is-Sur Ray Zammit CEO tal-LESA, fejn bagħtilna ritratti ta' rimi illegali ta' żibel, fejn talab lil-Kunsill biex jsir infurzar. Din l'*area* hi żona industriali u taqa' taħt ir-responsabilta tal-MIP, fejn jidħol skart residenzjali, dak li huwa domestiku, dan jinġabar mil-Kuntrattur tal-Kunsill.

L-MIP eventwalment talab biex jinqasmu l-ispejjes mal-Kunsill għat-tindif, pero' din il-proposta ma ġietx aċċetata mil-Kunsil. Il-Kunsill kif wkoll id-Direttur tal-Gvern lokali, irraportaw lil-MIP biex jieħdu azzjoni, skont il-mappa uffiċjali li taqa' taħt il-Liġi ta' Malta tal-Local Council Act CAP 363, Skeda 2, fejn l-MIP huwa responsabbli għal-żoni industrijali.

Is-Sindku nforma rigward il-*one way* ta' Triq il-Fortizza. Saret laqgħa ma Transport Malta u ġie deċiż li Transport Malta ħa jsejjaħ meeting mal-Kunsill, LESA, Pulizija u l-MIP, biex tinstab soluzjoni ħolistika.

### 51.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Vjal Indipendenza u Triq Valletta

Is-Sindku nforma li Transport Malta approvat iżda x-xogħol għadu ma bediex.

### 51.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku – GreenMT

Is-Sindku nforma li daħal fis-seħħ l'*agreement* mal-GreenMT, pero' s-Sindku nforma li għadu mhux kuntent, peress li l-iskips qed jitnaddfu imma madwarhom mhuwiex. Għalhekk il-Kunsill għandu jitkellem mal-GreenMT.

### 51.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku -Archeological Site near Lidl

Is-Sindku nforma li l-*area* tal-Qares hija *issue* taħraq. Għalhekk talab il-korrispondenza kollha li saret mil-Kunsill lil Planning Authority u lil Sovratidenza Heritage + Culture fejn il-kunsill ġie nfurmat li ż-żona arkeoloġika mhuwiex sit ta' importanza. Allura, fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sovratidenza Heritage + Culture lil Planning Authority inħareġ il-permess.

Is-Sindku nforma li ħa jibda jdur il-korrispondenza kollha, biex il-Kunsill joħroġ *press release*, jekk ikun hemm qbil mil-membri tal-Kunsill. Dan il-għalhiex hemm min qed jsostni li taħt il-blat jista jkun hemm xi katakombi, li jestendu mal-katakombi ta' Bistra. Għalhekk jekk dan huwa minnu ma jistax jkun li dan is-sit ma jkunx dikjarat bħala wieħed mhux ta' importanza.
Għalkemm sar studju fl'2013, fejn sar wkoll rapport min Sovratidenza Heritage + Culture, jindika li dan l-istudju li sar, huwa tal-wiċċ tal-blat biss fejn hemm *silos* fejn kien jinżamm il-qamħ , u x'jista jkun hemm taħt mid-dehra ma ġiex studjat.

Is-Sindku talab lil Kunsilliera għal kummenti u opinjoni tagħhom ta' kif jixtiequ li l-Kunsill jipproċedi. Is-Sindku nforma li l'unika mezz li fadal hu li l-Kunsill jagħmel mandat ta' inibizjoni biex ix-xogħol jitwaqqaf imedjatament, biex fi żmien xahar tinfetaħ kawża l-qorti. Biex jiftaħ din il-kawża, il-kunsill jrid jkun ċert li mhux nimxu fuq sempliċiment *hear-say* ta' x'qed jgħid jew jaħseb il-pubbliku, għax jekk tintilef din il-kawża l-Kunsill ħa jkun daħal fi spejjeż kbar.
Mezz ieħor huwa li jsir *gentlemen's agreement* għal *partial re-zoning*.

Is-Sindku nforma li waqt li qed jsiru ix-xogħolijiet suppost jkun hemm uffiċjali biex jimmoniterjaw l'*area*, pero' residenti li qegħdin għassa, irrapurtaw li s'issa ma kienx hemm

*monitoring* għaddej. Għal dan ir-rapport it-Times of Malta ippublikat artiklu bir-risposta ta' Sovratidenza Heritage + Culture fejn qalu li diffiċli biex jsir *monitoring* għal dan it-tip ta' xogħol.

Is-Sindku ssuġerixxa biex jsir *working group* ħalli tiġi analizzata il-korrispondenza biex il-Kunsill jieħu deċizjoni, għalhekk il-korrispondenza ħa tiġi mibgħuta lil-Kunsilliera għal-kummenti tagħhom.

### 51.3.9 Kommunikazzjoni mis-Sindku -Ikla tal-Milied bejn Kunsilliera u Staff

Is-Sindku nforma li bħall kull sena l-liġi tal-Kunsilli Lokali tippermetti li jkollna ikla tal-Milied, u trid tinstab data. L-istaff qed jissuġerixxi li d-data tkun is-Sibt f'nofs in-nhar. Hija ovvju li mhux kulħadd ħa jkun jista jattendi minħabba *committments* oħra, pero' ma jistax jkun li noqgħodu nibdlu d-dati kif ġara is-sena li għaddiet.

Għalhekk ħa tiġi kkomunikata data u ħin mis-Sindku fil-ġranet li ġejjin.

### 51.3.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku -MOSTA HC Lift Replacement

Is-Sindku nforma li rċevejna data ta' meta ser issir il-*lift*, fejn għalkemm dan jista jitlesta sa Jannar 2018, tal-Health issuġġerew li minflok jiġi installat għal Marzu, peress li f'dan iż-żmien jonqsu il-pazjenti u jkun inqas ta' inkonvenjent. Infurmajna lil-Health li data ta' estensjoni biex nieħdu l-fondi għada ma waslitx, u jekk id-DLG ma japrovawx l'estensjoni tal-Kuntratt, il-Kunsill ma jkunx jista jħallas il-parti tiegħu.

Malli jkollna risposta ħa ninfurmaw mil-ewwel lid-Dipartiment tal-Health.

### 51.3.11 Korrispondenza mis-Sindku -Bins to collect second hand clothing

Is-Sindku nforma li rċevejna korrispondenza biex nżidu *bins* għal second *hand clothing*. Peress li din hija kumpanija privata, ħa nitolbu biex jiprovdu iktar informazzjoni.

### 51.3.12 Korrispondenza – Aċċess għax-xelter tal-Pjazza fi zmien il festi tal-Milied

Is-Sindku nforma li rċevejna mis-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awissu, biex intuhom ċavetta ħalli jarmaw ix-xelter għaż-żmien il-milied.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

### 51.3.13 Korrispondenza - Email-Changes to Triq il-Katakombi ta' Bistra to install restricted access for heavy vehicles

Din hija triq imħarbta ħafna u qed jiġi mitlub biex issir *no entry* għal *heavy vehicles.*
Il-Kunsilliera talbu biex jittieħdu ritratti ħalli tiġi kkonfermata it-triq, qabel ma ssir talba lil-Transport Malta.

### 51.3.14 Korrispondenza- Proposal Parking in Triq il-Ħtajriet

Is-Sindku nforma li Triq il-Ħtajriet, il-biċċa li qegħda *one-way,* bejn Triq il-Kbira u ' Triq Sant' Anna. Biex jiġu evitati aċċidenti din it-triq kienet saret *one-way.* Peress li din it-triq hija wiesgħa qed jiġi ssuġerit biex il-*parking* ma jibqax *parallel to curb* imma jsir angolat *front to curb*, fuq naħa waħda biss.

Il-membri preżenti unanimament approvaw, għalhekk ħa ssir talba lil Transport Malta.

51.3.15 Korrispondenza- Waterproofing quote

Is-Sindku nforma li din il-quote trid tiġi approvata b'urġenza, peress li dieħel kwantita ta' ilma mis-saqqaf u niżel għal mal-plakkek tad-dawl. Aparti min hekk, ma stajniex nsibu kumpanija li tagħmel it-tip ta' *epoxy consolidated resin membrane* li ġie rakkomandat li jiswa €2,700, li l-Kunsill qiegħed iffittex biex jagħmel biex din il-problema tissolva.

Il-Kunsillier Christian Borg, ħa jiprovdi kuntatt ta' kumpanija oħra li tagħmel xogħol *membrane* tajjeb ħafna wkoll, biex nistaqsu għal *quote* oħra.

51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

51.4.1 PAMA Bankini

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet f'hiex waslu l-bankini tal-PAMA.
Is-Sindku nforma, li l-kuntrattur tal-PAMA lesta Triq il-Wied, pero' telaq għax kellu xi-xogħolijiet oħra x'imkien ieħor.

Ħa nkunu qed nikkomunikaw mal-kuntrattur tal-PAMA biex jerġa jiġi lura ħalli jkompli jaħdem fuq il-bankini.

51.4.2 Brema Supermarket

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet jekk jistax jsir *loading/unloading bay* quddiem dan il-ħanut.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għalkemm Transport Malta ġeneralment ma tapprovax applikazzjoni bħal din, peress li permess ta' *loading/unloading bay* tingħata kull sitt stabilimenti/ħwienet, xorta ħa nistaqsu u nibgħatu għal din it-talba.

51.4.3 Grocer

Il-Kunsillier Joe Gatt qal li dan il-ħanut fi Triq Gafa k/m Triq Ponsomby għandu kaxxa safra u ma jipparkja qatt għax dejjem bil-karozzi. Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk tistax issir tabella bil-ħinijiet.
Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tiċċekja mal-*handyman* tal-kunsill fuq din il-kaxxa, u skont l-applikazzjoni tal-ħanut, nkunu nistaw naraw tistax issir tabella bil-ħinijiet.

51.4.4 Triq Kostituzzjoni – TIP TOES loading/unloading bay

Il-Kunsillier Christian Borg qal li negozjanti kelmuħ għax f'din it-triq sidien tal-ħwienet kienu talbu biex issir *loading/unloading bay,* u qed jitkellem għalihom is-Sur Ivan Azzopardi sid il-ħanut Tip Toes.

Is-Sindku nforma li hemmhekk diġa hemm tlieta *loading/unloading bays,* u konna tlabna lil Transport Malta biex titmexxa waħda minnhom ta' fejn is-Sofra, ħa jkunu qrib xulxin u mhux tiżdied *loading/unloading bay* oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja f'hiex waslet din it-talba ma Transport Malta.

51.4.5 Vjal Ragusa – Siġar

Il-Kunsillier Frans Deguara talab biex ninfurmaw lil-kuntrattur biex jinżabru is-siġar ta' din it-triq, peress li hemm periklu għal min jiġi biex jaqsam min fuq iż-*zebra crossing*.

51.5 Rapporti

51.5.1. Ħarġiet tal-Kunsill

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li 'l ħarġa li jmiss hija l-Forti Sant Anġlu, u preżenta l-programm tal-ħarġiet għas-sena 2018.

Il-Ħamis, 18 ta' Jannar
Inżuru **Palazzo Falson**, Mdina.
Tluq: 9:00 am Prezz: €10 (€8 / €5 dħul, + €2 trasport)

Il-Ħamis, 15 ta' Frar
Inżuru l-**Limestone Heritage**, is-Siġġiewi.
Tluq: 9:00 am Prezz: €6 (€3-75ċ dħul, + €2 trasport)

Il-Ħamis, 29 ta' Marzu
Nagħmlu l-**Viżti tas-Seba' Knejjes** (Mdina u r-Rabat).
Tluq: 8:00 pm Prezz: €2 (trasport)

Il-Ħamis, 19 ta' April
Inżuru l-**Mużew tal-Posta**, il-Belt Valletta.
Tluq: 9:00 am Prezz: €8 (€6 dħul, + €2 trasport)

Is-Sibt, 19 ta' Mejju
Ġurnata bil-katamaran sa **Sqallija**. *Programm jingħata aktar tard - f'Marzu 2018.*
Tluq: 5:00 am Prezz: *aktar 'il quddiem*.

Il-Ħamis, 21 ta' Ġunju
Inżuru l-**Malta Dairy Products**, il-Ħamrun. *Dettalji aktar 'il quddiem*.
Tluq: 9:00 am Prezz: €2

Il-Ħamis, 19 ta' Lulju
sa **Xrobb l-Għaġin**, Marsaxlokk.
Tluq: 6:00 pm Prezz: €2

Il-Ħamis, 23 ta' Awwissu
Sal-Kunvent tad-Dumnikani, Tas-Sliema, u **Tigne Point**.
Tluq: 6:00 pm Prezz: €2

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru
Sal-Palazz tal-**President ta' Malta**: M.L. Coleiro Preca. *Dettalji aktar 'il quddiem*.
Tluq: Prezz: €2

Il-Ħamis, 25 ta' Ottubru
Ġurnata f'Għawdex, fejn inżuru l-fabbrika tal-**Magro Bros**., ix-Xewkija.
Tluq: 8:00 am Prezz: trasport u vapur (dħul b'xejn)

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru
**Fort Rinella**, Kalkara
Tluq: 9:00 am Prezz: €12 (dħul u kafè, + €2 trasport)

Il-Ħamis, 20 ta' Diċembru

Wirja ta' **Bambini** artistiċi, B'Kara.
Tluq: 9:00 am Prezz: €2 (trasport)

51.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

51.6.1 Skeda ta' pagamenti
Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

51.6.2 Purchase Orders
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

51.6.3 Works Orders
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

51.6.4 Petty Cash
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

50.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-8:45 u ġiet aġġornata għas-27 ta' Novembru fis-7.00 p.m.

Konfermati llum 6 ta' Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |